**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

ŻGHIR B'QALB KBIRA

# Seduta numru 14. Illum it-Tlieta, 25 ta' Mejju 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Resurfacing fi Triq Sir Temi Zammit
Attivitajiet fis-Sajf
Hatra ta ' Segretarju Ezekuttiv
Gabbani Fil-Festa ta' Santa Marija
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**<u>1.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**<u>2.0 Korrispondenza</u>**

2.1 Il-Kunsill se jistenna risposta dwar is-sitwazzjoni tal-finanzjament tal-Gnien fil-Housing Estate, peress li d-Dipartiment tal-Bini ta' Gonna pubblici fi hdan l-Awtorita tad-Djar gie xolt.

2.2 Il-Kunsill approva l-kirja ta' l-HSBC, biex izommu l-ATM fi Triq Fisher ghal tliet snin ohra.

2.3 Il-Vici Sindku Eman Vella se jistharreg dwar l-iskema Vers Aghtini.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

2.4 Il-Kunsill gie nfurmat li l-applikazzjoni ghall-iskema ta' Finanzjament ghal zvilupp Sostenibbli ma gietx accettata.

2.5 Il-Kunsill qabel li s-Sindku Paul Vella jkun risponsabbli mill-Applikazzjonijiet online tal-MEPA.

2.6 Il-Kunsill qabel li ma jaccettax l-iskema ta' tahwil ta' sigar, peress li kienet se tinvolvi ammont sostanzjali ta' flus biex isir dan il-progett u barraminhekk il-Kunsill jista' facilment jaghmel uzu mis-sigar li ghandu fin-nursery tieghu.

2.7 Il-Kunsill se jippartecipa fil-Festival Marittimu ta' Senglea bil-partecipazzjoni tas-Sur Twanny Vassallo.

2.8 Is-Sinjura Dame Francois Tempra baghtet ittra dwar il-kundizzjonijiet biex tghaddi d-donazzjoni tal-kollezzjoni tal-pitturi li jinsabu fil-Kunsill lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir ta' l-avukat tieghu.

2.9 Il-Kumitat ta' l-Energija Alternattiva ghazel lil Alberta Fire and Security biex jipprovdi il-pannelli solari ghan-numru ta' Kunsilli li qeghdin fil-Kumitat.

3.0 Il-Kunsill qabel biex jahseb johrog sejha ghall-offerta ghall-assikurazzjoni tal-Kunsill ghas-sena d-diehla.

**4.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku rceva talba mis-Sinjura Marlene Camilleri biex taghmel wirja tal-kollezzjoni tal-pitturi taghha. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' maghha biex jiddiskuti maghha dwar dan f'aktar dettall.

4.2 Is-Sindku nforma li ltaqa' ma Ufficjal mis-Segretarjat Parlamentari dwar l-artijiet dwar id-devoluzzjoni ta' l-art tad-Darrenzi. Il-Kunsill se jaghmel stharrig dwar l-art in kwistjoni u jara jekk parti minnha hix okkupata minn terzi.

4.3 Is-Sindku nforma li nhar il-Gimgha, se ssir il-premjazzjoni ta' l-iskola primarja ta' l-Imgarr.

**5.0 Resurfacing fi Triq Sir Temi Zammit**

5.1 Is-Sindku nforma li talab stima ghal resurfacing ta' Triq Sir Temi Zammit. L-istima ammontat ghal € 11,000. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

## 6.0 Attivitajiet tas-Sajf

6.1 Il-Kunsill qabel li jorganizza Fenkata, esibizzjoni ta' Landrovers u esibizzjoni mill-protezzjoni civili fil-12 ta' Awissu. Il-Kunsillier Giovanni Gatt se jkellem rapprezentant tal-ghaqda tal-landrovers u s-Sur Clayton se jkellem lil Ufficjal mill-Protezzjoni Civili.

6.2 Fid-9 ta' Lulju se ssir l-attivita msejjha 'Il-Qiegha tal-Qamh' li qed tigi organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Palk u l-Kumitat taz-zghazagh fi Triq Bingemma u Triq ic-Cimiterju.

## 7.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

7.1 Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Christine Lewis tibqa' tokkupa l-kariga ta' Agent Segretarju sakemm jigi mahtur Segretarju Ezekuttiv gdid.

7.2 Il-Kunsill iltaqa' mas-Sur Kenneth Brincat biex jokkupa l-kariga ta' SE fil-Kunsill ta' l-Imgarr, izda minhabba li l-Kunsill tieghu ma accettax it-trasferiment tieghu ma setghax jigi trasferit fl-Imgarr.

7.3 Il-Kunsill se jkun qed jaghmel l-intervisti ghal post ta' Segretarju Ezekuttiv matul il-gimgha d-diehla.

7.4 Is-Sinjura Natasha Cassar uriet ix-xewqa li tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv, izda peress li l-ligi ma tippermettix, dan ma setghax ikun possibbli.

## 8.0 Gabbani fil-Festa ta' Santa Marija

8.1 Il-Kunsill qabel li jitlob laqgha mal-Ghaqda Kulturali Festi Mgarr biex tirrisolva l-problema tal-gabbani tal-festa fil-Pjazza, peress li l-ghaqda qed tissuggerixxi li gabbani ma jintremawx fil-pjazza matul il-festa ta' Santa Marija.

8.2 Kien hemm qbil li jigu mistiedna zewg rapprezentant tal-ghaqda, il-Kappillan u s-Supretendent tal-Pulizija u zewg rapprezentanti tal-Kiosks, nhar it-Tlieta, 1 ta' Gunju, fis-7.30p.m. biex tigi diskussa din il-materja.

## 9.0 Post ta' EU Coordinator

9.1 Il-Kunsill fetah l-uniku offerta ghal servizz ta' EU coordinator biex jamministra l-progett Biolmed fis-sentejn li gejjin.

9.2 Il-Kunsill qabel li jitlob aktar informazzjoni lis-Sur Shawn Vella biex ikun jista' jaghmel l-ghazla tieghu fil-laqgha li jmiss.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

**10.0 Progett Cypfire**

10.1 Il-Kunsill gie nfurmat li gie accettat il-Progett ta' l-Unjoni Ewropeja Med -Cypfire b'fond ta' € 175,000 , li se jigi implimentat fit-tliet snin li gejjin.

**11.0 Affarijiet Mixxellanji**

11.1 Il-Kunsill gie affetwat mid-decizjoni li hadet il-Kummissjoni Ewropeja fil-konfront ta' l-EUPA dwar progetti Youth li kienu se jsehh f'Awissu, izda minhabba li gew sospizi l-fondi ghal dawn it-tip ta' progetti, dawn il-progetti kellhom jigu kkancellati.

11.2 Il-Kunsill fetah iz-zewg stimi sottomessi ghar-rapport dwar l-energija SEAP, peress li l-Kunsill iffirma l-Patt tas-Sindki. Is-Sur Jonathan Scerri issottetta l-offerta ghal prezz ta' € 2500 ghar-rapport filwaqt li l-kumpanija EMDP ssottometta stima ta' € 2,400.

11.3 Il-Kunsill qabel unanimament li jaghzel l-istima ta' l-Ing. Jonathan Scerri ghal prezz ta' € 2,500 peress li huwa lest li jaghti dan ir-rapport fi zmien iqsar.

11.4 Il-Kunsill se jaghmel l-arrangamenti necessarji biex jingieb skip biex jintrema plastic tal-bdiewa bil-kollaborazzjoni tal-kumpanija Wasteserv. Is-Sindku ssuggerixxa li jkun hemm dati definiti ghal dan is-servizz biex ma jkunx hemm abbuz minnu. Huwa se jhejji laqgha mal-Koperattiva Zebbiegh biex jinfurmahom dwar dan. Kien hemm qbil li s-servizz jibda minnufih.

11.5 Il-Vici Sindku nforma li l-Korporazzjoni ghax-xoghol u tahrig lesta li tipprovdi l-vacancies disponibbli li ghandha fir-rigward tat-talba tal-Kunsill ghal persuni li ilhom ma jahdmu hames snin.

11.6 Il-Kunsillier Clayton Gauci sahaq fuq l-importanza li l-bozoz li jinqatghu jigu rrangati mill-aktar fis, peress li hemm xi lmenti dwar bozoz li jdumu ma jissewwew. Il-Kunsill se jigbed l-attenzjoni ta' l-Enemalta dwar dan.

11.7 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

11.8 Il-laqgha ntemmet fit-8.30p.m.

11.9 Is-Sindku sejjah laqgha laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Erbgha, 30 ta' Gunju, fis-6.00p.m.

# Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

Christine Lewis
Agent Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku